

Brussell, 15 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10304/26

SOC 380
EMPL 201

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal- ħajja u tax-xogħol Ħatra tas-Sur Philippe HECK, membru għal-Lussemburgu, minflok is- Sur Tom OSWALD, li rriżenja <i>- Adozzjoni</i>

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sur Tom OSWALD, bħala membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni msemmija hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għal-Lussemburgu).
2. Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jstabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75¹, il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija jinħatru mill-Kunsill.

¹ ĠU L 30, 31.1.2019, p. 74.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-Gvern tal-Lussemburgu ħatar lis-Sur Philippe HECK għal dan is-siġġu għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2027.
4. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mitlub jagħti parir lill-Kunsill:
 - (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, kif tinsab fid-dokument 10303/26, u
 - (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
